TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal ghat-Talbiet Tal-Konsumaturi**

**Rikors Nru C.C.T G5/13/MS**

**Polly Anne Magro**

**vs**

**Dominic Department Stores (DDS) Ltd et**

Illum 20 ta' Marzu 2015.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Polly Anne Magro tas- 6 ta' Dicembru 2013.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata Dominic Department Stores (DDS) Ltd.

Ra r-risposta tal-intimat Noel Gauci ezercenti l-kummerc bhala Gava Interiors.

Ra illi la l-intimat Noel Gauci u lanqas ir-rapprezentant tas-socjeta' Gava Interiors, qatt attendew ghall-ebda seduta.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati, sema' lix-xhieda, it-trattazjoni tal-partijiet u ha konjizzjoni tal-atti kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra:**

Jirrizulta mill-provi illi f'April tas-sena 2009, l-attrici xtrat water heater minghand Dominic Department Stores Ltd, ghal prezz ta' €1,044. (Dok A). Dan gie anke konfermat minn Dominic Sultana, direttur tas-socjeta' intimata Dominic Department Stores Ltd illi xehed fit-27 ta' Gunju 2014 illi huma kienu bieghhu *solar water heater* lill-attrici. Dan kien gie installat minn certu Michael Sultana, impjegat tal-istess socjeta' attrici.

Illi rrizulta ukoll illi s-socjeta' intimata Dominic Department Stores Ltd kienet distributur ta' dawn il-*water heaters*, li kienu forniti lilhom minghand Gava Interiors. Dawn tal-ahhar kienu jaghtuhom *standard form* certifikat tal-garanzija in bjank ghal hames snin, li wara kien jinhareg u jigi ffirmat mix-xerrej Dominic Department Stores Ltd li kienu responsabbli ghall-istallazzjoni tal-water heater. (Dok B)

Illi rrizulta wkoll illi dan il-water heater kien difettuz, ghalkemm mhux maghruf ezattament meta dan id-difett gie riskontrat mill-attrici. Ma hemm ebda referenza ghal meta l-attrici ntebhet b'dan id-difett, la fit-talba u l-anqas fix-xhieda taghha jew tar-ragel taghha.

Illi l-uniku accenn dwar xi tip ta' time-frame isir fix-xhieda ta' Dominic Sultana li ighid hekk:

'**xi ftit wara l-installazjoni,** kien mar l-element tas-solar water heater u peress illi dan ma kienx kopert bil-garanzija, ahna ccargjajna biss tal-element u mhux tax-xoghol. **Wara ftit xhur,** l-attrici regghet giet tilmenta dwar dan l-element illi meta kienet tixghelu biex isahhan l-ilma bid-dawl kienet qed taqta' s-salvavita. Ahna bghatna lil Michael Sultana biex jivverifika u dan sab illi l-ilma kien qed jillikja mit-tank ta' gewwa u kien qed jaqa' fuq l-element u kien qed jittripja s-salvavita. (ara fol 46 tal-process).

**Ikkunsidra**

Illi ghalkemm gew ezebiti numru ta' *emails* dawn jirreferu ghas-snin 2012, 2013 u 2014 u mhuwiex dejjem car ghal min jew ghal xhiex dawn qeghdin jirreferu. (ara per ezempju *emails* datati 19th December 2012; *emails* datati 4, 5 u 8 ta' Jannar 2013;) illi bejn iz-zewg kumpaniji intimati kien hemm skambju ta' komunikazzjonijiet ta' diversi klijenti u allura fl-assenza ta' Subject Matter car u/jew indikazzjoni cara, ma jistax jinghad b'certezza ghal xhiex/ min dawn qeghdin jirreferu.

Illi min-naha l-ohra hemm numru ta' emails li jirreferu b'mod ovvju ghall-attrici Polly Anne Magro - ara per ezempju *emails* datati May 13 u 14, 2013, May 17, 2013, 12 July 2013. Jidher ukoll illi l-*email* datat 25 April 2013 dwar il-klijenta minn Sannat , qed jirreferi ghall-attrici.

Illi minhabba li l-attrici ma ppruvatx meta dawn id-difetti bdew, it-Tribunal ha jkollu joqghod fuq dawn l-*emails* fejn jidher illi almenu f'Ottubru 2012, l-attrici kienet gja' ilmentat mas-socjeta' Dominic Department Stores fuq id-difett. (ara *email* 10 ta' Lulju 2013) - ergo fit-terminu tal-garanzija.

**Ikkunsidra:**

*Illi l-bejgh hu kuntratt li bih wahda mill-partijiet tintrabat li taghti haga lill-ohra bi prezz li din il-parti l-ohra tintrabat li thallas lilha. (Art. 1346 tal-Kodici Civili)*

Illli ma hemmx dubju illi l-bejgh sar minn Dominic Department Stores Ltd u ghalhekk it-Tribunal ma jaqbilx mas-sottomissjonijiet li saru fis-sens illi l-bejgh sar minn Gava Interiors u li s-socjeta DDS Ltd kien biss l-installer. It-Tribunal ghalhekk jaqbel mal-attrici illi l-relazzjoni guridika kienet bejn l-attrici u DDS Ltd u ma kien hemm ebda relazzjoni guridika bejn l-attrici u Gava Interiors. L-attrici dejjem nnegozjat ma' DDS Ltd - marret ghand il-hanut taghhom, hallset lilhom, l-ircevuta harget f'isem DDS Ltd (Dok A) il-konsejna sar minghandhom u addirittura kien haddiem ta' DDS Ltd li mar fuq il-post biex jaghmel l-installazzjoni. L-obbligazzjoni tal-kunsinna tinkludi anke l-obbligu tal-konservazzjoni bhala bonus paterfamilias. (Art. 1126 tal-Kodici Civili).

**Ikkunsidra;**

Illi mal-bejgh inghata garanzija 'limitata' ghal 5 snin. Din il-garanzija kienet tkopri fost affarijiet ohra 'a five (5) year limited guarantee' on parts directly in contact with water, such as pipe connections, pipes and the inner tank.

Illi irrizulta mill-provi illi dan is-solar heater zviluppa difett fl-element ftit wara l-installazjoni u gie mibdul alavolja ma kinex kopert mill-garanzija (skond kif xehed D. Sultana). Ftit xhur wara, l-element regghet bil-hsara u irrizulta li l-ilma kien qed jillikja mit-tank. Ir-responsabbilita' ta' din it-tiswija, kwindi taqa' nettament fuq is-socjeta' DDS Ltd.

Illi jekk Gava Interiors ghandha xi obbligazzjonijiet versu DDS Ltd illi jaqghu taht il-garanzija, DDS Ltd ikollha kull dritt ta' rigress minghand Gava Interiors. Pero' huwa l-konvenut venditur (f'dan il-kaz DDS Ltd) li huwa primarjament responsabbli vis a vis l-attrici u ma jistax jezimi ruhu mir-responsabbilta' billi jaddebita htija fuq Gava Interiors u jipprova jahbi wara relazzjoni kummercjali bilaterali ma' Gava Interiors.

**Ikkunsidra:**

Illi f'dan il-kaz, l-attrici inghatat drittijiet specjali fejn is-socjeta' konvenuta DDS Ltd garantiet ghal almenu 5 snin mid-data tax-xiri. Kienet obbligata wkoll illi f'kaz ta' difett, dan jissewwa. Dan ma kienx il-kaz u s-socjeta' konvenuta ma onoratx l-obbligazzjoni taghha. Is-*solar heater* kellu difetti serji u ghalkemm dawn id-difetti gew identifikati, l-ebda soluzzjoni ma nghatat.

Illi minn dan l-aspett it-Tribunal ihoss li s-socjeta' konvenuta DDS Ltd kissret il-garanzija ghax ma kenitx f'posizzjoni ssewwi il-water heater - ergo la darba s-socjeta' konvenuta kienet fi ksur tal-provvedimenti generali li jirregolaw il-kuntratti, l-attur kellu d-dritt li jhassar il-kuntratt. Illi l-effetti tal-garanzija huma li jipprovdi rimedju kuntrattwali u n-nuqqas tas-socjeta' konvenuta jintitola lill-attur li jitlob id-dissoluzzjoni tal-kuntratt.

**Ghal dawn il-motivi**

It-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li jilqa' t-talba tal-attrici, jordna r-risoluzzjoni tal-bejgh tal-*water heater* illi sar fit-8 ta' April 2009 u konsegwentement jikkundanna s-socjeta' konvenuta DDS Ltd li jhallas lura lill-attrici s-somma ta' €1,044.00, il-prezz imhallas ghal *water heater* difettuz bid-dritt tal-istess socjeta' konvenuta li tiehu lura ghas-spejjes taghha l-imsemmi *water heater.*

Bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' konvenuta Dominic Department Stores Ltd.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru